# Lażżru Pisani

**Mr. Paul Mifsud**

Wieħed mill-aħjar artisti Maltin huwa bla dubju Lażżru Pisani, li ddedika ruħu għall-pittura sa mewtu. Huwa kien bniedem ta' kultura u kien jinteressa ruħu fil-mużika, letteratura, astronomija u fotografija.

Pisani twieled Ħaż-Żebbuġ fil-ħmistax ta' Diċembru 1854 minn Agostino u Gużeppa Sciortino. Lażżru Pisani kien kuġin ma l-aħwa Antonio u Francesco Saverio Sciortino, tnejn mill-aqwa skulturi ta' żmienhom.

L-ewwel għalliem tat-tpinġija ta' Pisani, meta dan kien jattendi il-Liceo, kien il-Professur M. Bellanti. Kompla jistudja ma' C. I. Cortis, meta dan kien Malta biex jirrestawra is-saqaf tal-Konkatidral ta' San Ġwann. Pisani mar Ruma fl-1870, fejn attenda l-akkademja ta' San Luqa, l-iskola Libera del Nudo, u l-British Academy of Arts. F'Ruma wieħed mill-għalliema tiegħu kien L. Fontana, li kellu rabta ma' raħal twelid Pisani, għax xi żmien qabel kien għamel l-istatwa titulari ta' San Filep. Pisani kellu jitlaq ħesrem minn Ruma għax marad bil-malarja u ġie lura Malta għall-kura. Huwa dam sentejn marid, u kien se jħalli l-karriera tiegħu għal kollox, iżda Mgr. P. Pullicino u l-Kommendatur G. Canavelli ikkonvinċewh biex ikompli.

F'dan iż-żmien Pisani laħaq kap ta' l-iskola primarja ta' Bormla, u wara kap ta' l-iskola sekondarja tal-bniet tal-Belt u ta' l-iskola tal- mudell fil-Belt ukoll. Fil-vaganzi tas-sajf kien jieħu l-opportunita' biex iżur diversi bliet fl-Italja u jsegwi b'interess dak li kienu qegħdin jagħmlu l-movimenti artistiċi ta' dak iż-żmien.

Fl-1885 ħa sehem fil-Colonial Exhibition f'Londra. Hemm kiseb midalja tal-fidda għall-pittura "Il-Mewt ta' Abel". Din il-biċċa xogħol ġibdet l-attenzjoni ta' diversi artisti fosthom D. Bruschi u L. Fontana. Dan is-suċċess wassal biex Pisani beda jiġi mogħti diversi xogħolijiet fosthom ritratti ta' personalijiet ta' żmienu, bħal Lady A. Strickland, Profs S.L. Pisani, l-Isqfijiet A. Portelli u G. M. Camilleri OSA u Dr A. Caruana,



li kien il-Ministru ta' l-Edukazzjoni.

Ħafna xogħolijiet ta' Pisani insibuhom imxerrdin fil-Knejjes tal-gżejjer Maltin. Fost dawn insibu l-inkwatru ta' San Ġużepp Patrun tal-Knisja fil-Knisja Parrokkjali ta' Marija Kewkba tal-Baħar (Stella Maris) f'Tas- Sliema u ieħor tal-Madonna tal-Karmnu fil- Knisja Arċipretali ta' Ħaż-Żebbuġ. Skont il-Kavallier V. Bonello dan hu wieħed ta' preġju kbir. L-ikbar xogħol ta' Pisani huwa il-pittura tal- Bażilka ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur, fejn il-biċċa l-kbira tal-pittura li nsibu hawn hija ta' dan l-artist. Ħafna kritiċi tal-arti jqisu dan bħala l-kapolavur ta' Pisani.

Fil-kunvent tal-Patrijiet tagħna f'Birkirkara insibu ukoll xi xogħolijiet ta' Pisani. Dawn huma l-inkwatri sbieħ ta' Santa Tereża ta' Ġesu' (ta' Avila) u l-ieħor ta' San Ġwann tas-Salib.

Dawn tpittru fl-1901 għall-artali dedikati lil dawn iż-żewġ Qaddisin fil-Knisja ta' San Alfons ( l-antika, maġenb is-santwarju ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu'). Illum dawn l-inkwatri jinsabu fil-kunvent.

Fl-aħħar żmien ta' ħajtu, Pisani kien qiegħed jaħdem għall-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi u l-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani fl-Imġarr Għawdex. Dawn tkomplew minn C. Palmieri minn Ruma,u l-Malti T. Busuttil, li kien fil-bidu tal-kariera tiegħu, għax Pisani miet qabel lestihom.

Lażżru Pisani, li min kien jafu jiddeskrivih bħala bniedem kalm u tal-familja, miet fil-31 t'Awwissu 1932, fid-dar tiegħu tas-sajf f'San Pawl il-Baħar.




*Iż-żewġt pitturi li jinsabu fil-Kunvent tagħna*



*Bandiera ġdida li ġiet imżanżna s-sena l-oħra*